MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 500/2009

**Fl-atti tal-ittra ufficjali nru 6331/09 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**Bernard Manduca I.D 780052M**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, Bernard Manduca wara li ppremetta u espona bir-rispett:-

1. Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li permezz taghha talab il-hlas ta' Euro361.05 rapprezentanti likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti.

3. Illi l-esponenti jichad illi huwa debitur fl-ammont imsemmi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Talab bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara bhala nfondanti fil-fatt u fid-dritt it-talbiet tal-Kummissarju intimat u tghaddi sabiex tichad l-istess talbiet tieghu bl-ispejjez.

Rat id-digriet preliminari moghti fit-18 ta' Novembru 2009 a fol 2 tal-atti .

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qieghed jippretendi r-rikorrenti fir-rikors promotur, liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito skond il-procedura stipulata fil-Kap 364 u cjoe' tramite Appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta' Oggezzjoni ta' l-esponenti fi zmien tletin (30) gurnata skond l-artikolu 58 tal-Kap 364 u Appell lill-Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta' l-artikolu 59 ta' l-imsemmi Att;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrenti fl-intier taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 9, a fol 12 dwar dak li kien intqal mir-rikorrenti u konnessjoni ma 'ftehim fuq 'payment schedule' da parti tar-rikorrenti' a fol 13 dwar, filfatt, 'proposta' u '… izda sallum ma hemm l-ebda risposta' a fol 15 fejn hemm imnizzel '…. Li t-transazzjoni ma sehhitx'. A fol 17 fejn jinghad li '… f'kaz li ma jintlahaqx qbil ghandhom jingiebu l-provi tar-rikorrenti' u, ghal kull bon fini, a fol 18 u fol 19.

Ikkunsidrat

Illi, bhala fatt, jidher evidenti illi ir-rikorrenti nghata diversi differimenti sabiex, oltre li, forsi, jintlahaq ftehim dwar kif ghandhom jsiru l-pagamenti f'dan il-kaz u f'kazijiet ohrajn jipproducu u jressaq xi forma ta' prova dwar dak allegat fir-rikors promotur.

Illi ghalhekk din il-Qorti hi pjenament gustifikata sabiex taghti d-decizjoni finali minghajr ma tiddeciedi dak espost mill-intimat specjalment dak li nghad fir-risposta ta' dan b'mod preliminari.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba kif dedotta mir-rikors in esami bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mitluba jithallsu kollha mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------